

Suġġett

Talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tal-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2010) 4387 finali, tat-30 ta' Ġunju 2010, dwar proċedura skont l-Artikolu 101 TFUE u l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE (Każ COMP/38.344 — Azzar użat għall-prestressing), kif ukoll talba għal eżenzjoni mill-obbligu li tiġi pprovduta garanzija bankarja sabiex jiġi evitat irkupru immedjat tal-multa imposta skont l-Artikolu 2 tal-imsemmija deċiżjoni.

Dispożittiv

- 1) It-talba għal miżuri provviżorji hija miċħuda.
- 2) L-ispejjeż huma rriżervati.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali (Is-Sitt Awla) tat-13 ta' Lulju 2011 — Il-Greċja vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-81/09)

“FEŻR — Tnaqqis fl-għajjnuna finanzjarja — Programm operattiv li jaqa' taħt l-obbjettiv 1 (1994-1999), 'Aċċessibbiltà u Toroq Prinċipali' fil-Greċja — Delega tal-obbligi awżiljarji mill-Kummissjoni lil terzi — Sigriet professjonali — Rata tal-korrezzjoni finanzjarja — Marġni ta' diskrezzjoni tal-Kummissjoni — Stħarriġ ġudizzjarju”

1. *Koeżjoni ekonomika u soċjali — Għajjnuna strutturali — Finanzjament mill-Unjoni — Setgħat ta' kontroll u ta' verifika fuq il-post tal-Kummissjoni — Possibbiltà, għall-Kummissjoni, li tqabbad entitajiet privati sabiex iwettqu dan il-kontroll — Limiti (Regolamenti tal-Kunsill Nru 4253/88 u Nru 1605/2002, Artikoli 54 u 57; Regolament tal-Kummissjoni Nru 2064/97, Artikolu 12) (ara l-punti 25, 26, 31)*

2. *Atti tal-istituzzjonijiet — Motivazzjoni — Obbligu — Portata — Deċiżjoni tal-Kummissjoni li tordna h̄las lura parzjali ta' għajjnuna finanzjarja — Riferiment għal rapport ta' verifika mibgħut lill-benefiċjarju — Ammissibbiltà (Artikolu 253 KE) (ara l-punti 41, 42)*

3. *Koeżjoni ekonomika u soċjali — Għajjnuna strutturali — Finanzjament mill-Unjoni — Verifika fid-dettall mill-awtoritajiet nazzjonali tal-osservanza tal-obbligi finanzjarji tal-benefiċjarji ta' għajjnuna — Dikjarazzjoni dwar ir-regolarità tal-infiq stabbilita minn dipartiment indipendenti mid-dipartiment eżekuttiv — Dikjarazzjoni li tikkostitwixxi prova ċentrali u affidabbli — Obbligu tal-Kummissjoni li twettaq investigazzjoni ġdida — Assenza (Regolament tal-Kunsill Nru 4253/88, Artikoli 23 u 24(2); Regolament tal-Kummissjoni Nru 2064/97, Artikolu 8) (ara l-punti 58, 59)*

4. *Koeżjoni ekonomika u soċjali — Għajjnuna strutturali — Finanzjament mill-Unjoni — H̄las ta' għajjnuna finanzjarja — Kundizzjoni — Osservanza tal-obbligi tal-benefiċjarju ta' għajjnuna — Obbligu tal-Kummissjoni li twettaq reviżjoni tal-kontribuzzjoni mill-Unjoni fil-każ li ma tiġix osservata parti mill-obbligi tal-benefiċjarju — Portata u limiti (Regolament tal-Kunsill Nru 4253/88, Artikoli 23 u 24; Regolament tal-Kummissjoni Nru 2064/97) (ara l-punti 63, 64, 68, 96)*

5. *Approssimazzjoni tal-liġijiet — Proċeduri għall-ġhoti ta' kuntratti pubbliċi — Kundizzjonijiet u modalitajiet għall-ġhoti ta' kuntratti — Emenda mill-awtorità kontraenti matul il-proċedura — Ksur tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament tal-offerenti u tal-obbligu ta' trasparenza (ara l-punti 104-108)*

6. *Koeżjoni ekonomika u soċjali — Għajjnuna strutturali — Finanzjament mill-Unjoni — Tnaqqis ta' għajjnuna finanzjarja minħabba irregolaritajiet — Determinazzjoni tar-rata tal-korrezzjoni finanzjarja — Setgħa diskrezzjonali tal-Kummissjoni — Limiti — Stħarriġ ġudizzjarju (ara l-punt 142)*

Suġġett

Talba għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2008) 8573, tal-15 ta' Diċembru 2008, dwar it-tnaqqis fl-għajjnuna finanzjarja tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) mogħtija lill-Greċja, li tammonta għal EUR 30 104 470,47, favur il-Programm operattiv "Aċċessibbiltà u Toroq Prinċipali", permezz tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (94) 3579, tas-16 ta' Diċembru 1994, li tapprova l-għajjnuna tal-FEŻR.

Dispożittiv

- 1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2008) 8573, tal-15 ta' Diċembru 2008, rigward it-tnaqqis tal-għajjnuna finanzjarja tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) mogħtija lill-Greċja hija annullata sa fejn tipprevedi, minn naħa, korrezzjoni tal-ammont ta' EUR 506 303 fir-rigward tal-proġett "Isthmos — Galota" u, minn naħa l-oħra, korrezzjoni tal-ammont ta' EUR 684 343 fir-rigward tal-proġett "Carrefour de Polymylos (kuntratt 928)".
- 2) Il-kumplament tar-rikors huwa miċħud.
- 3) Ir-Repubblika Ellenika għandha tbatlha l-ispejjeż tagħha stess u 80% tal-ispejjeż sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea.
- 4) Il-Kummissjoni għandha tbatlha 20% tal-ispejjeż tagħha stess.

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali (Is-Sitt Awla) tat-13 ta' Lulju 2011 —
Evonik Industries vs UASI (Rettangolu bil-kulur vjola b'naħa konvessa)**

(Kawża T-499/09)

"Trade mark Komunitarja — Applikazzjoni għal trade mark Komunitarja figurattiva li tirrappreżenta rettangolu bil-kulur vjola b'naħa konvessa — Raġuni assoluta għal rifjut — Nuqqas ta' karattru distintiv — Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009"